ŻURRIEQ

# *Kunsill Lokali Żurrieq*

## ***Il-Pjan ta' Ħidma***

## ***2013-2015***

*Il-Werrej*


| | |
|---|---|
| *L-Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni* | *1* |
| *Id-Dikjarazzjoni tal-Missjoni u l-Valuri* | *2* |
| *Għanijiet, Riżultati Mistennija u Strateġiji* | *3* |
| *Analiżi tal-Ħidma tal-Kunsill* | *6* |
| *Previżjoni tal-Finanzi u l-Performance* | *8* |
| *Żvilupp Kapitali* | *12* |

## 1.0 Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni

Il-Pjan ta' Ħidma li qed jiġi mħejji għat-tlett snin li ġejjin hu d-dokument li għandu jwassalna biex intejbu l-lokalita' tagħna kif ukoll naslu biex noffru servizzi ġodda jew intejbu fuq dak li diġa bdejna, għal benefiċċju tal-komunita' tagħna.

L-impenn tagħna ser ikun sabiex mhux biss naraw żvilupp fl-infrastruttura tal-lokal tagħna iżda li nibdew toroq ġodda ta' żvilupp soċjali. L-akbar impenn tagħna ser ikun li b'dan il-pjan nassiguraw l-akbar spiża kapitali fit-toroq possibli.

Il-Kunsill ser jipprova japplika għal kull skema li tinħareġ mill-gvern kemm għal-attivitajiet kulturali u kemm fuq għajnuniet ta' infrastruttura u edukazzjoni biex b'hek jirnexxilna inġibu aktar fondi minn dak allokat fil-budget ta' kull sena.

Ser naħdmu flimkien b'determinazzjoni biex naslu. Irridu nkunu pożittivi u nħarsu b'wiċċna 'l quddiem sabiex il-miri li għandna quddiemna nilħquhom. It-twettiq ta' dan il-pjan iżda jiddependi b'kemm ser inkunu sostnuti mill-Gvern Ċentrali mhux biss mill-aspett ta' allokazzjoni ta' fondi iżda minn proġetti li jagħmel l-istess Gvern kemm fit-toroq u bankini li għadhom bla wiċċ u kemm fi proġetti oħra ta' tisbieħ.

**Ignatius Farrugia**
**Sindku**
**Jannar , 2013**

## 2.1 Dikjarazzjoni tal-Missjoni

Biex insiru l-Kunsill mudell f'Malta bl-iżvilupp kontinwu tagħna biex nilħqu l-kunċetti ta' gvern lokali, billi nilqgħu bl-aħjar mod għal bżonnijiet taċ-ċittadini kollha taż-Zurrieq waqt li nagħmlu enfasi kontinwa fuq l-eċċellenza fix-xogħol u amministrazzjoni nnovattivva tar-riżorsi finanzjarji tagħna li tkun utilizzata skond evalwazzjoni ta' effiċjenza, effettivita u ekonomija f'kull ma nagħmlu.

## 2.2 Valuri

Il-valuri li jħaddan il-Kunsill Lokali Żurrieq huma:

- Li nġibu l-massimu tal-benefiċċji lill-kommunita' tagħna kollha kemm hi, waqt li nirrispettaw il-bżonnijiet tal-individwu u ta' oqsma speċifiċi fil-lokalita' tagħna
- Rispett lejn l-opinjonijiet u twemmin taċ-ċittadini kollha tal-komunita' tagħna
- Insostnu l-impenn soċjali tagħna fil-komunita'
- L-amministrazzjoni ġusta u fil-miftuħ tax-xogħol tal-Kunsill
- Eċċellenza f'dak kollu li nagħmlu u fis-servizzi li nirċievu u nagħtu

## 3.1 Għanijiet u riżultati mistennija

INTRODUZZJONI:

Iż-Żurrieq hi lokalita' li matul dawn l-aħħar tliet snin baqgħet iżżied fil-popolazzjoni sa Ġunju 2012 kienet 15,154 abitant. Il-Komunita' tagħna tesiġi li tkun moqdija f'dawk il-bżonnijiet u faċilitajiet li kull soċjeta' moderna f'pajjiż modern għandu jkollha dritt għalihom. Għaldaqstant mill-Kunsill Lokali tagħha, l-komunita' Żurriqija tistenna pjan li jħares 'il quddiem lejn titjib kontinwu fl-oqsma kollha.

DIKJARAZZJONI:

Il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq jiggarantixxi li għaż-Żurrieq għat-tliet snin li ġejjin:

- Joffri tmexxija serja, ġusta, u li fl-ebda mument ma tasal sabiex toħloq defiċit finanzjarju.
- Ma jagħmel l-ebda forma ta' taxxa lokali.
- Ikattar l-impenn tiegħu sabiex iżomm il-kuntatt mill-qrib u kontinwu maż-Żrieraq sabiex jiżdied is-sens reċiproku ta' fiduċja bejn il-Kunsill u r-residenti.

### 3.1.1 PJAN SOĊJALI GĦALL-KOMUNITA ŻURRIQIJA

- Pjan għall-anzjani fejn, ikompli jaqqad l-anzjani u jkompli jorganizzalhom ħarġiet kulturali u edukattivi, u jkompli jaħdem fuq pjan ħalli tiżdied l-aċċessibilta' għalihom.
- Titkompla tingħata l-injection kontra l-influwenza.
- Jitkompla jinagħta s-servizz ta' Wifi fil-ġonna pubbliċi u fiż-żona tal-Bini tal-Gvern fin-Nigret.

### 3.1.2 EDUKAZZJONI

- Taħriġ edukattiv, fil-lingwa ingliża, malti bażiku u matematika.
- Iżied fil-kotba li diġa hemm fil-librerija pubblika taż-Żurrieq u tiżdied l-għamara fil-librerija.
- Isiru korsijiet tal-Energy Saving, Fire Fighting u First Aid.
- Jitkompla l-pjan biex permezz ta' applikazzjonijiet għal-fondi mill-UE jintbagħtu żagħżagħ barra minn Malta. Tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn iż-Żurrieq u l-bliet ġemellati billi jsiru skambji ta' residenti fuq bażi soċjali, kulturali jew edukattiva u sportiva.
- Isir żvilupp tal-Website tal-Kunsill Lokali biex tkun iżjed faċli biex taċċessa u tintuża.

### 3.1.3 AMBJENT

- Fondi għal Inizjattivi fl-Ambjent
- Jiżdied post ta' rikreazzjoni ġdid, fiż-Żona ta' Bubaqra.
- Proġett tal-Miżbla ta' Wied Fulija
- Issir il-manutenzjoni jew tinxtara see saw ġdida fi Ġnien l-Imigranti Żrieraq.
- Ikompli x-xogħol fuq il-manutenzjoni tal-funtana ta' Vjal il-Blue Grotto.
- Isiru notice boards ornamentali fiċ-ċentru tar-raħal.

Il-Kunsill ikun impenjat sabiex ikompli jtejjeb l-ambjent fiż-żoni taż-Żurrieq kemm f'dawk li huma ġonna, żoni pubbliċi, u bi program ta' taħwil ta' siġar. Isir program regolari ta' tindif u tisbiħ fiż-żoni tal-kampanja.

### 3.1.4 TOROQ

- Inkomplu bil-programm ta' għoti ta' wiċċ ġdid lil diversi toroq fiż-Żurrieq, mibdi mill-Kunsill ta' qabel u li ħall l-flus għal dan il-għan fosthom Triq Wied Babu u s-service road, Side road fi Triq Wied Babu fejn il-garaxx mikri mill-Kunsill (bla isem), Triq Zondadari. Ma' dawk li diġa hemm fil-programm jiġu nklużi oħrajn li jkunu jagħmlu sens meta jingħata wiċċ ġdid f'ċertu toroq min-naħa tal-gvern ċentrali. Nerġgħu nidħlu fl-iskema tal-PPP jekk terġa tinħareġ u tkun vijabli finanzjarjament għall-Kunsill.
- Titranġa parti min Vjal il-Blue Grotto fejn it-Traffic Lights għax mhix livellata u jżomm ħafna ilma fiha.
- Titranġa parti minn Vjal l-Indipendenza fejn joqgħod l-ilma tax-xita.
- Ser jingħatha wiċċ ġdid lil parti minn Triq il-Ħaddiema u tal-parti fejn hemm shelter u ssir bokka għalih.
- Jiżdiedu bozoz ġodda fejn mitluba u approvati u l-Kunsill ikompli jibdel bozoz f'toroq fiċ-ċentru taż-Żurrieq ma' dawk ornamentali

Wara li fl-aħħar leġislatura l-Kunsill għamel investiment f'diversi toroq b'għoti ta' tarmak, isiru sforzi sabiex jitkompla gradwalment il-programm ta' xogħlijiet li għandu jwassal sabiex fit-tliet snin li ġejjin toroq oħra li jaqgħu fir-responsabilita tal-Kunsill Lokali ikunu ġew mogħtija wiċċ ġdid. Kumplimentari ma' dan, il-Kunsill ikompli bil-program ta' tiġdid u manutenzjoni ta' bankini.

Fl-istess waqt il-Kunsill ikun kontinwament impenjat sabiex il-Gvern Ċentrali jwettaq il-parti tiegħu billi jifforma toroq ġodda li nħolqu dawn l-aħħar snin. Il-Kunsill Lokali ma jaċċettax li l-Gvern Ċentrali jibqa' passiv u jonqos milli jagħmel il-bankini u jagħti t-tarmak għall-ewwel darba lil diversi toroq ġodda li fihom il-bini jkun tlesta.

Il-Kunsill ser jibqa' jinsisti mal-Gvern Ċentrali sabiex jagħmel bit-tarmak Triq Ħal Far minħabba li din hi aktar minn 70% imkissra u li l-Kunsill m'għandux fondi biżżejjed biex jagħmilha.

### 3.1.5 PROĠETTI KAPITALI

Il-pjan li kellu l-Kunsill Lokali Żurrieq għas-sena 2009 li "Inkomplu ntejjbu l-kwalita' tal-ġonna tagħna. Wara li tlesta l-ġnien, jitkompla l-bdil tal-fanali fi Ġnien it-Tfal taż-Żurrieq f'tal-Bebbux.
Insebbħu l-*area* li hemm fit-Triq tal-Wied u art fejn il-Ġnien tal-Ġibjun jekk l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni/enchrocement tintlaqa'. Jiġu mħawla iktar siġar u tiġi mgħammra li l-pubbliku ikun jista jużaha bħala post ta' rikreazzjoni.
Kif pjanat fil-pjanti oriġinali għandu jinbeda x-xogħol biex fi Pjazza Mattia Preti jkun hemm funtana sempliċi.

Dejjem jekk tintlaqa' t-talba ta' devoluzzjoni ta' sit fi Triq Gervase Matthew, il-miri tal-Kunsill Lokali huma li s-sit jitnaddaf u f'parti mis-sit jinbena uffiċċju kbir fuq il-garage għal diversi funzjonijiet. Jsir garaxx kbir taħt l-art sabiex il-Kunsill ma jibqax jikri garaxx fin-Nigret u fuq il-garage ikun żviluppat biex issir *multi purpose hall* fejn jistgħu isiru korsijiet, laqgħat u anke attivitajiet kulturali u oħrajn.

Isir tisbieħ u jinħoloq mużew fil-Mitħna tax-Xarolla u jissebbaħ l-ambjent ta' madwarha fosthom il-katakombi f'attrazzjoni turistika.

Jitlesta x-xogħol fuq il-proġett li taħt miżura 313 / 323 biex isebbaħ l-akwata ta' Ħal Millieri u jirrestawra l-Kappella u s-Salib u jsiru gates ġodda lill-għelieqi biex ikompli jissebbaħ l-ambjent.

Isir ilqugħ madwar il-culvert ta' Vjal ix-Xarolla biex ma jinteliex bi skart li jinġabar bix-xita.

Issir canopy quddiem l-iskola primarja fi Triq Dun Gużepp Żammit biex tkun ta' lqugħ għat-tfal tal-iskola mill-elementi naturali.

### 3.1.6 SISTEMA TAT-TRAFFIKU

Aktar tabelli tat-traffiku u *parking bays* ġodda
Traffic Management fi Triq Fra Luca Zurki

### 3.1.7 PROĠETTI MILL-UNJONI EWROPEA

Għandha ssir ħidma sabiex jiġu intensifikati l-kuntatti ma' organizzazzjonijiet oħra f'pajjiżi Ewropej u għandhom jiżdiedu l-iskambji. Joħorġu wkoll sejħiet għall-offerti għal kuntratturi mis-

settur privat li lesti jaħdmu mal-Kunsill fuq xi proġett ta' l-UE. Għandhom jiżdiedu l-laqgħat ta' informazzjoni liż-Żrieraq dwar aspetti popolari ta' l-UE. Għandha ssir ħidma mill-qrib mal-MEUSAC, speċjalment għal fondi li jistgħu jittieħdu mill-Kunsilli Lokali.

### 3.1.8 ĠEMELLAĠĠI

Għandha ssir wirja ta' kull sena li tesponi elementi ta' kull belt li aħna ġemellati magħha – din tkun wirja waħda għal erba' bliet – iż-Żurrieq u t-tlett'ibliet l-oħra. Għandu wkoll jiġi stampat materjal ta' promozzjoni dwar iż-Żurrieq biex jitqassam lin-nies tal-bliet li aħna ġemellati magħhom (bit-Taljan u bil-Ġermaniż u bl-Ingliż). Jitkomplew ukoll l-iskambji ta' nies partikolarment ma' Borgo Maggiore.

### 3.1.9 INFURZAR TAL-LIĠI

Is-sistema tal-gwardjani lokali u dik tal-pulizija għandha tittejjeb, billi jagħtu aktar servizz u komunikazzjoni mal-Kunsill. Għandhom isiru laqgħat frekwenti ma' uffiċċjali tal-korp tal-Pulizija u ma' l-Ispettur ta' l-Għassa.

### 3.1.10 TRASPORT PUBBLIKU

Isir titjib fis-sistema tat-trasport pubbliku billi jittieħdu inizjattivi sabiex mhux biss ikomplu jsiru bus shelters ġodda, imma biex il-Kunsill Lokali jibqa jistinka sabiex is-servizz tat-trasport pubbliku jibqa' jaqdi b'mod effiċjenti l-ħtiġijiet taż-Żurrieq.

### 3.1.11 UFFIĊINI TAL-GVERN

Jissokta l-impenn qawwi tal-Kunsill sabiex jiġi ndirizzat mill-Gvern Ċentrali l-immodernizzar tal-uffiċini tal-Gvern fiż-Żurrieq, partikolarment l-uffiċċju tas-servizzi soċjali u l-berġa tas-saħħa ħalli dawn ikunu aċċessibbli għal kulħadd, kif wara kollox jixirqilha l-komunita' taż-Żurrieq.

### 3.1.12 KUlTURA U TURIŻMU

**Aktar ħajja lil Mitħna tax-Xarolla.**
Dan isir billi:

a. Il-mitħna tiġi magħmra b'għamara tal-epoka.
b. Issir sistema awdjo visivabiex min iżur il-mitħan jkollu l-informazzjoni meġtieġa b'sistema moderna. Din għandha sservi ukoll t'għajnuna għall-kuratur.
c. Attivitajiet varji madwar il-mitħna.

B'dan kollu nisperaw li nżiedu t-turiżmu lejn il-Mitħna tax-Xarolla. Il-pjan tagħna huwa oltre dan u għalekk trid issir ħidma sabiex bi pjan meqju it-turist ikun imħajjar jiskopri s-sbuħija naturali u l-wiort storiku ta' dan ir-raħal. Dan kollu joħloq il-possibilta' ta' aktar negozju fiż-Żurrieq u titjieb fil-kwalita' tal-ħajja tal-komunita' kollha kemm hi.

**Tkattir tal-kultura lokali**
Dan isir billi:

a. Norganizzaw taħdidiet fuq l-istorja tar-raħal tagħna.
b. Ħarġiet kulturali għal postijiet ta' nteress fiż-Żurrieq għall-istudenti Żrieraq.
c. Niskopru l-ħiliet u t-talenti artistiċi lokali u nippromovuhom.
d. Tingħata kull għajnuna possibli biex l-għaqdiet u soċjetajiet Żrieraq jibbenefikaw minn fondi tal-UE.

### 3.1.13 ASSISTENZA U INFORMAZZJONI LIĊ-ĊITTADIN

Il-Kunsill Lokali jibqa' ukoll impenjat sabiex ikompli jtejjeb il-kwalita ta' servizzi, inklużi dawk ta' l-Internet, mill-Uffiċċju Amministrattiv għall-bżonnijiet taċ-ċittadini.

Fl-istrutturi tiegħu Kunsill Lokali joħloq mekkaniżmu li jindirizza l-ħtiġijiet tal-konsumaturi u n-negozjanti lokali bil-għan li jiżdied il-kummerċ ġust fiż-Żurrieq.
Il-Kunsill Lokali ikompli jimpenja ruħu flimkien mal-Gvern Ċentrali jagħmel is-sehem tiegħu għar-ri-organizzazzjoni tal-monti ta' nhar ta' Ħamis.

Tinxtara uniformi ġdida lill-impjegati tal-Kunsill għaliex l-aħħar waħda li saret kienet fis-sena 2009.

### 3.1.14 GĦAQDIET VOLONTARJI

Impenn ieħor tal-Kunsill jkun indirizzat lejn il-ħolqien ta' kuntatt ħaj bejn l-għaqdiet kollha taż-Żurrieq bil-ħsieb uniku li jservi ta' xprun għal inizjattivi komuni li jistgħu jittieħdu kollettivament favur il-ħtiġijiet tal-komunita' kollha.

### 3.1.15 NEFQA SOĊJALI

Għalkemm il-Gvern ma jagħti l-ebda fondi għan-nefqa soċjali lill-Kunsilli Lokali, il-Kunsill taż-Żurrieq jerġa' jiggarantixxi li jalloka somma ta' flus fis-sena sabiex jitwettqu proġetti soċjali fiż-Żurrieq, li jinkludu l-ingaġġ ta' professjonisti fl-oqsma soċjali sabiex jassistu liż-Żrieraq fil-bżonn kif ukoll inizjattivi oħrajn bħal faċilitajiet fit-toroq għal persuni b'diżabilita'.

Il-Kunsill ser jaħdem fuq servizz ta' wheel chair biex jinkera lil min ikollu bżonn.

Titkompla Skola sports fiż-Żurrieq bl-għajnuna taż-Żurrieq Wolves.

Jinbeda l-proċess biex jingħata servizz ta' Phlebotomist imqar 3 darbiet fil-ġimgħat fil-berġa tas-saħħa.

### 3.1.16 ĦIDMA REĠJONALI

Il-Kunsill Lokali jkompli jsostni l-politika reġjonali tiegħu sabiex flimkien mal-lokalitajiet tal-viċin isiru ħidmiet li jrendu iktar valur għall-flus u inizjattivi oħra favur iċ-ċittadini kollha.

### 3.1.17 STRATEĠIJI

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul l-istrateġiji li se jaddotta biex jiżgura li jwettaq l-oġġettivi u l-*policies* tiegħu. Dawn l-istrateġiji huma maħsuba li joħolqu ftuħ għall-opportunitajiet ġodda u li jevitaw sitwazzjonijiet li jistgħu jheddu s-suċċess tagħna.

L-istrateġiji mis-sena 2010 sa 2012 huma għalhekk:

- Niżviluppaw relazzjonijiet ta' xogħol ma' Kunsilli tar-reġjun u fornituri ta' servizzi biex nakkwistaw l-aħjar servizzi possibli bl-inqas prezz, u naddottaw prinċipji ta' entitajiet privati
- Ninkoraġġixu kommunikazzjoni, rispett u *teamwork*
- Nużaw l-aktar metodi moderni ta' *management*
- Ninvolvu r-residenti u n-negozjanti fil-komunita fl-iffinazjar ta' proġetti kapitali u soċjali biex jinħoloq żvilupp sostenibbli għall-benefiċċju globali u għal żmien fit-tul tal-lokalita tagħna

## 4.0 Organizazzjoni

L-organizazzjoni tal-Kunsill hi magħmula hekk:




Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill iwettaq bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li għandha ssib l-aħjar bejn l-istruttura organizzativa fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku. Ir-rwoli ta' dawk involuti għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn il-Kunsillieri bħala *policy makers* jmexxu l-pjan ta' ħidma tagħhom, filwaqt li l-amministratturi jeżegwixxu l-*policies* bl-aħjar mod possibli.

Fil-globalita tagħha, l-organizazzjoni trid tkun aspirata minn rieda ta' ħidma kollettiva, b'assigurazzjoni fix-xogħol ta' kuljum li jitwettaq minn kull membru li jinsab fiha. L-objettivi jridu jkunu mibnija fuq żewġ sisien prinċipali - l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq u biex b'ekonomija, effiċjenza u effetivita jkollha l-aħjar paragun ta' kost possibli. L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin.

**Josianne Cilia Mumford**
**Segretarju Eżekuttiv**
**Jannar, 2012**

## 5.3 Tbassir tad-Dhul ghal tlett Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2012 € | STIMA 2013 € | STIMA 2014 € |
|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dhul** | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | |
| 0001 | Annwali | 721,889 | 709268.55 | 687308.52 |
| 0002 | Supplimentari | 514,519 | 198395.03 | |
| 0003 | Bzonnijiet Specjali | | | 297,348.95 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubblici/Governattivi | | | 157.61 |
| 0015 | Hwejjeg ohra | | 12343.64 | |
| | | **1236,408** | **920007.22** | **984,815.08** |
| **0020** | **Il-'Bye-laws'** | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 47,000 | 12374.19 | 14,281.40 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 45,000 | 23697.63 | 40,804.00 |
| 0056 | Ghotjiet Sponsorjati | | 350 | |
| 0066 | Generali | 5,000.00 | 11227.54 | 4,080.40 |
| | | **97,000.00** | **47649.36** | **59,165.80** |
| **0090** | **L-Investiment** | | | |
| 0091 | Imghax tal-Bank | 5,000.00 | 3963.49 | 6,936.68 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | |
| | | **5,000.00** | **3963.49** | **6,936.68** |
| **0100** | **Generali** | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 3,000 | | |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | | 0.00 | 0.00 |
| | | **3,000** | **0.00** | **0.00** |
| | | **1,341,408** | **971620.07** | **1,028,906.52** |

## 5.4 Tbassir ta' l-Infiq ghal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2012 € | STIMA 2013 € | STIMA 2014 € |
|---|---|---|---|---|
| **1** | **L-Infiq** | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 8000 | 10084.82 | 14,480.08 |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | 73,000 | 73282.41 | 76,708.69 |
| 1300 | Bonus | 7,285.00 | 7593.46 | 7655.10 |
| 1400 | Dhul Supplimentari | | 0.00 | |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet tas-Sigurta Socjali | 6,900 | 6394.11 | 6,538.10 |
| 1600 | Koncessjonijiet ('Allowances') Kunsilliera | 12,700 | 11939.24 | 13,387.25 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1700 | Sahra | 2,000.00 | 2220.92 | 2,101.61 |
| | | **109,885** | **111514.96** | **120,870.83** |
| **2000** | **Manutenzjoni u Xogholijiet Ohra** | | | |
| 2100 | Servizzi (Dawl, ilma, telefon ecc) | 8,000 | 11451.76 | 11,245.50 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 2,000 | 2723.65 | 4,862.03 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 92,500 | 105,480.36 | 109,306.26 |
| 2400 | Kera | 6,200 | 2750.60 | 8,321.67 |
| 2500 | Shubija f'ghaqdiet nazzjonali / internazzjonali | 1000 | 558.29 | 449.82 |
| 2600 | Spejjez tal-Ufficcju | 6,000 | 7472.83 | 7417.53 |
| 2700 | Trasport | 2,000 | 2084.50 | 787.19 |
| 2800 | Gemellaggi | 3,500 | 1695.40 | 3935.93 |
| 2900 | Taghrif lill-pubbliku | 4,800 | 5498.88 | 7309.56 |
| 3000 | Spejjez ta' kuntratti | 292,110 | 274,832.97 | 305,315.33 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 16,800 | 31,939.43 | 34,861.05 |
| 3200 | Tahrig | 1,500 | | 168.69 |
| 3300 | Ospitalita u Servizzi lill-Komunita | 25,000 | 30,655.46 | 33,736.50 |
| 3400 | Provisions for Bad Debts | | 0.00 | 0.00 |
| 3600 | Spejjez tal-Infurzar lokali (LES) | 5,000 | 1610.25 | 22,491 |
| | | **466,410** | **478754.38** | **550,208.06** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | |
| 7100 | Bini | | | |
| 7200 | Titjib | 7,220 | 8476.54 | 8,000.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 1,000 | 5,079.24 | |
| 7500 | Progetti Specjali | 646,824 | 459,672.75 | 200,000.00 |
| | | **655,044** | **473,228.53** | **208,000.00** |
| | **TOTAL** | **1,231,339** | **1063497.87** | **864,532.06** |

## 5.2 Noti Generali

***Dħul tal-Gvern Ċentrali***

Qed tkun assunta żieda ta' 3%.

***Infiq***

*Salarji*

Żieda ta' 1% biex tagħmel tajjeb għal żidiet fl-għoli tal-ħajja kif ukoll salarji ta' mpjegati u żidiet oħra tal-ftehim kollettiv.

***Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra***

Zieda generali fl-ispiza ta' 2% ghajr għal Infieq Kapitali

***Infiq Kapitali***

Qed tiġi assunta allokazzjoni speċifika għal kull sena u dan sabiex tlaħħaq mal-proġetti maħsuba kif ukoll għandha relazzjoni ma' fondi oħra li jista jirċievi l-Kunsill taħt skemi differenti fosthom l-*Urban Improvement Fund.*